# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2514

Każ Nru 3075/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Sammy M. Hazzouri

u

Joseph Formosa u Jesmond Formosa bħal proprietarji ta' St Elias Pharmacy

*Dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 21 ta' Marzu, 2018

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ kien intavolat permezz ta' rikors magħmul fis-16 ta'Ottubru 2012 minn Sammy M. Hazzouri fejn ġie allegat li fl-14 ta' Ġunju 2012, huwa kien ġie illegalment liċenzjat mill-impieg tiegħu bħala *Managing Pharmacist* minn Joseph u Jesmond Formosa bħala proprietarji tas-*St Elias Pharmacy*. Ir-Rikorrent kien assistit mill-Avv. Mark Fenech Vella. L-Intimati, li kienu assistiti mill-Avv. Carmelo Mifsud Bonnici, jinnegaw dan. Saru diversi seduti quddiem it-Tribunal Industrijali, diversament presjedut, li fl-24 ta' Ġunju 2013 ta deċiżjoni preliminari (Nru 2233) fejn ma laqax l-eċċezzjoni tal-Intimati li l-liċenzjament kien sar f'perijodu ta' prova. L-intimati appellaw minn din id-deċiżjoni preliminari u sussegwentement il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sedente l-Onor Imħallef Anthony Ellul fit-22 ta' Frar 2016 ċaħdet l-Appell (22/2013AE) u rrinvijat il-każ lit-Tribunal Industrijali għat-tkomplija.

Dan it-Tribunal, kif preżentement presjedut, beda' jisma' l-każ fuq il-merti fit-13 ta' Lulju 2016 u saru b'kollox erbgħatax-il seduta. A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 ma kienx għaldaqstant possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Intimati irritenew illi r-Rikorrent kien ġie liċenzjat għaliex ir-relazzjoni ma' l-prinċipali tiegħu tkissru irrimedjabilment. Dana sforz il-karattru tiegħu kif jixhdu n-numru ta' inċidenti li nqalgħu waqt l-impieg. In-nuqqas ta' professjonalità tar-Rikorrent fil-komportament fuq il-post tax-xogħol u l-intransiġenza tiegħu kif ukoll il-karattru pikuż li kellu irriżultaw fil-kollass tar-relazzjonijiet. Ir-Rikorrent mill-banda l-oħra jirritjeni illi l-liċenzjament kien premeditat għaliex l-iskop tal-propjetarji kien li javvjaw l-ispiżerija u meta dan isir huma jeħilsu mill-ispiżjar u jinnegozjawha b'valur għoli. Tant hu hekk li nqdew bil-kwistjoni tal-*probation* li rriżulta li kienet fittizja. Jgħid ukoll illi huwa mexa' professjonalment tant li kellu jitħabat ma' l-Intimati diversi drabi biex l-affarijiet jimxu skond dak li titlob il-liġi. Jgħid ukoll li kienu idejjquh fuq il-post tax-xogħol tant li wieħed mill-Intimati kien kuljum jogħqod viċin ħafna kważi ħdejh fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Kien iwissihom ripetutament sabiex jikkonformaw ruħhom mal-liġi peress li ried jibża għal-liċenza li kellu bħala spiżjar.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Ma hemmx dubju li r-relazzjonijiet bejn ir-Rikorrent u l-Prinċipali tiegħu bdew jiħżienu kmieni fl-impieg u komplew jitgħarrqu matul il-ħajja lavorattiva qasira li spiċċat bil-Pulizija u xeni kemmxejn drammatiċi quddiem l-istess Spiżerija. Jidher bl-iktar mod ċar mill-evidenza li ħarġet matul is-smiegħ illi veru li l-Intimat kien fitt fl-andament tax-xogħol u ffissat li jara li r-regoli, jekk mhux il-liġi tal-ispiżeriji, jiġu rispettati skrupolożament. Forsi l-aġir tiegħu biex dan isir sata' sar b'mod iktar diplomatiku u prudenti. Iżda mill-banda l-oħra l-fatt li l-Intimati kienu ġodda għal dan it-tip ta' xogħol kien ifisser illi l-ispiżjar jeżiġi konformità stretta mal-liġi. L-inċidenti li ssemmew kienu pjuttost trivjali u forsi jindikaw xamma ta' pika iktar milli nuqqasijiet serjissimi. It-Tribunal mhux qed jieħu in konsiderazzjoni dak serju li ġara bil-Pulizija għaliex f'dak l-istadju r-Rikorrent kien ġa ġie liċenzjat u għaldaqstant l-inċident ma satax influwenza lill-Intimati meta ġew biex ikeċċu lir-Rikorrent. Jidher ukoll illi d-deċiżjoni tal-liċenzjament kienet riżultat ta' effett kumulattiv ta' numru ta' allegati nċidenti li ġraw matul il-ħames xhur li fil-fatt ħadem minn kuntratt definit ta' sena. Li jolqot lit-Tribunal huwa l-fatt li r-Rikorrent qatt ma rċieva twissija waħda bil-miktub. Dana jixhdu stess l-Intimat Jesmond Formosa meta in kontroeżmi (seduta 14.6.17 fol. 21) qal testwalment "jiġifieri qatt ma tajtu bħala warning illi fuq l-impieg tiegħu". Fil-

każ ta' effett kumulattiv fuq ċertu perijodu wieħed jistenna li jkun hemm numru ta' twissijiet għaliex meta jsir l-ewwel inċident il-Prinċipal ma jkunx jaf illi se jkun hemm iktar inċidenti fil-futur u normalment joħroġ l-ewwel twissija anzi din issir preċiżament biex ma jiġix ripetut dak li jkun sar. Finalment lit-Tribunal ma jirriżultalux li n-nuqqasijiet li ġie addebitat bihom ir-Rikorrent kienu tali li jimmeritaw is-sanzjoni estrema ta' tkeċċija.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi illi l-liċenzjament tar-Rikorrent Sammy M. Hazzouri minn ma' l-Intimati Joseph u Jesmond Farrugia bħala propjetarji ta' St Elias Phramacy ma kienx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

**5. Kumpens**

Wara li ra l-Artikolu 36(11) tal-Kap 452 it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens li jrid jitħallas lir-Rikorrent Sammy M. Hazzouri mill-Intimati Joseph u Jesmond Formosa fl-ammont ta' €4,875 (erba' t'elef, tmien mija hamsa u sebghin euro) li jrid jitħallas sa mhux iktar tard mill-21 ta' April 2018.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja